22001D0027

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 27/2001

tat-30 ta' Marzu 2001

li temenda l-Anness I (Materji Veterinarji u Fitosanitarji) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 189/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ bajjada ([2]), għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/50/KE tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar ħtiġiet minimi għall-ispezzjoni ta' impriżi li fihom jinżammu l-annimali għal għanijiet ta' biedja ([3]) għandha tiġi nkorporata fil-Ftehim.

(4) Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għall-Islanda u għal-Liechtenstein,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punti li ġejjin għandhom jiġu mdaħħla wara l-punt 7 (Regolament tal-Kusill (KE) Nru 411/98) fil-Parti 9.1 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I għall-Ftehim:

"8. **399 L 0074**: Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/74/KE tad-19 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi l-istandards minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ bajjada (ĠU L 203, tat-3.8.1999, p. 53).

9. **32000 D 0050**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/50/KE tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar ħtiġiet minimi għall-ispezzjoni ta' impriżi li fihom jinżammu l-annimali għal għanijiet ta' biedja (ĠU L 19, tal-25.1.2000, p. 51)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/74/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/50/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikunu awtentiċi.

([1]) ĠU L 74, tal-15.3.2001, p. 24.
([2]) ĠU L 203, tat-3.8.1999, p. 53.
([3]) ĠU L 19, tal-25.1.2000, p. 51.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-31 ta' Marzu 2001, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, 30 ta' Marzu 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.